# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2019**

**Numru 14**

**Rikors numru 174/11 MCH**

**Said International Limited (C-2680)**

**v.**

**Maltapost p.l.c. (C-22796)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, iddeċidiet billi sabet li l-kumpannija naqset li tħares l-obbligi tagħha skond l-Avviż (Notifikazzjoni tal-Gvern) numru elf (1000) li deher fil-ħarġa tas-16 ta' Novembru, 2007, tal-Gazzetta tal-Gvern u għalhekk ordnatilha sabiex, fi żmien erbgħin (40) jum minn dakinhar, tibdel il-bolli ta' Malta f'denominazzjoni ta' Lira Maltija

li l-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Said") semmiet fl-applikazzjoni tagħha tat-28 ta' Marzu, 2008, ma' bolli oħra Maltin f'denominazzjoni ta' Euro b'kemm jiswew tletin elf mitejn u dsatax-il euro u dsatax-il ċenteżmu (€ 30,219.19), filwaqt li astjeniet milli tqis it-talbiet attriċi l-oħrajn billi l-imsemmi Avviż ma kienx jipprovdi li bolli wżati jissarfu fi flus kontanti. Dik il-Qorti ikkundannat lill-appellanti tħallas l-ispejjeż tal-kawża;

2. Qabel ma l-ewwel Qorti waslet għal dik id-deċiżjoni tagħha, hija ikkunsidrat il-kwestjoni mressqa quddiemha kif ġej:

> "*Is-socjetà rikorrenti qed titlob li s-socjetà intimata tbiddel il-bolli msemmija fl-applikazzjoni li ghamlet fit-28 ta' Marzu 2008 ma' bolli ohra validi f'denominazzjoni tal-ewro tal-valur komplessiv ta' €30,219.19 jew alternattivament tikkundanna lis-socjetà biex issarrafhom fi flus fl-ammont ta' €30,219.19.*
>
> "*Is-socjetà konvenuta laqghet billi wiegbet :*
>
> "*Illi s-socjetà intimata onorat l-obbligi taghha skond l-Avviz numru 1000 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Novembru 2007;*
> *"Illi s-socjetà rikorrenti ghandha tipprova li l-bolli ma kienux gew stampati u sussegwentement mibjugha specifikatament biex jkunu uzati biss ghal finijiet ta' filatelija;*
>
> "*Is-socjetà intimata kienet u ghadha disposta sabiex tbiddel biss dawk il-bolli fl-ammont ta' Lm425.76 dwar liema s-socjetà rikorrenti kienet prezentat prova li tali bolli ma gewx stampati u sussegwentement mibjugha specifikatament biex jkunu uzati biss ghal fini ta' filatelija;*
>
> "*Illi l-imsemmi Avviz ma jippermettix it-tibdil ta' bolli skaduti ma' flus kontanti u anke peress illi s-somma mitluba ma hijiex l-ekwivalenti f'euro fil-valur komplessiv f'liri Maltin tal-bolli imsemmija;*
>
> "*Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjetà esponenti m'ghandhiex tissaporti l-ispejjez tal-kawza odjerna peress illi s-socjetà rikorrenti baqghet ma tat l-ebda dokument lis-socjetà intimata li jikkonferma li l-bolli gew stampati u sussegwentement mibjugha mis-*

*socjetà intimata specifikatament biex jkunu uzati biss ghal fini ta' filatelija;*

"***Fatti***

"*Fil-Gazzetta tal-Gvern kien gie ppubblikat avviz li b'ordni tal-Ministru ghall-Kompetittività u Komunikazzjonijiet, skond l-artikolu 36(2) tal-Kap. 254 li:*

> "*postage stamps issued from 1 st January 1998 onwards shall no longer be valid for prepayment of postage as from 1 st February 2008. Any postal article stamped with postage stamps so invalidated shall be deemed not duly stamped for the purpose of the Postal Services Act.*
>
> "*Provided that any person having in his possession any postage stamps hereby invalidated, may from lst February 2008 to 31st March 2008 surrender the same to Maltapost plc who shall exchange them for other valid postage stamps of an equal value.*
>
> "*This notice does not apply in respect of stamps printed or sold subject to the condition that they will be used only for purposes of philately. (Dok. A fo1. 5).*

"*Is-socjetà rikorrenti kienet appIikat mas-socjetà intimata biex tibdel kwantità ta' bolli permezz ta' applikazzjoni Dok. B a fol. 6 tal-process.*

"*Illi permezz ta' ittra datata 28 ta' Mejju 2010 Joseph M. Camilleri bhala Chariman tal-Stamp Exchange Board kien infurma lis-socjetà rikorrenti li:*

> "*Documentary evidence that these stamps were purchased from MaltaPost was submitted only in relation to Lm425.76 worth of stamps. Consequently we are therefore in a position to exchange Lm425.76 worth of stamps into the denominations as shown on the attached list.*

"*Illi s-socjetà intimata irrifjutat li tibdel il-bolli l-ohra billi sostniet li s-socjetà rikorrenti ma ppruvatx li kienet xtrat dawk il-bolli minghand il-Maltapost ghas-servizz ta' pustagg. Hi ssostni Ii s-socjetà rikorrenti xtrat il-bolli ghal skop ta' filatelija minn barra ghalhekk ma setghux jinbdlu.*

"***Il-ligi***

"*Illi skont l-artikolu 36(2) tal-Kap. 254 (Att dwar is-Servizz Postali):*

> "*The Minister may, after consultation with the postal operators concerned, by notice published in the Gazette, direct that any postage stamps, in use at the time of such notice, shall be no longer valid for prepayment of postage, and from and after any day stated in such notice, any postal article stamped with postage stamps so invalidated, shall be*

*deemed to be not duly stamped for the purposes of this Act and of any directives or regulations made thereunder:*

"*Provided that any person, having in his possession any postage stamps invalidated by the Minister as aforesaid, may at any time within two months after the day stated in the said notice, surrender the same to a postal operator, who shall exchange them for other valid postage stamps of an equal value.*

"*Illi din il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn bolli li jinxtraw ghal uzu ta' pustagg u bolli li jintuzaw ghal skop ta' filatelija. Din id-distinzjoni issir pero fl-Avviz 1000 tas-16 ta' Novembru 2007 fejn ighid li 'This notice does not apply in respect of stamps printed or sold subject to the condition that they will be used only for purposes of philately'.*

"*Illi f'dina l-kawza s-socjetà rikorrenti mhijiex qed issostni li l-Ministru ma setax jaghmel dika l-ordni avvolja l-ligi ma kinitx tiddistingwi bejn bolli li jintuzaw ghall-pustagg u bolli li jinxtraw ghall-filatelija. Fil-fatt fic-citazzjoni taghha is-socjetà rikorrenti qed titlob li s-socjetà intimata tonora l-obbligi imposti fuqha minn din l-istess ordni.*

"***Eccezzjonijiet***

"*Illi s-socjetà intimata qed issostni li bolli ghal pustagg jistghu jinxtraw biss minghandha jew minghand l-agenti licenzjati taghha f'Malta. Ghar-rigward ta' bolli ghall-filatelija tghid li hemm sistema differenti. Huma jipprovdu bolli kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment ghall-filatelija. Il-bolli li huma jbieghu barra huma biss ghal skop ta' filatelija u mhux ghal pustagg ghax dawk jinxtraw biss minn Malta u jintuzaw f'Malta biss u mhux barra. Huma ghandhom business agreements mal-filatelisti ta' barra (ara per ezempju d-dok. ma' Georg Roll) li bih ibieghluhom bolli ghall-filatelija u jorbtuhom li ma jbieghuhomx ghall-uzu ta' pustagg. Is-socjetà intimata tghid li f'dana l-kaz Said International ipproduciet invoices ta' Georg Roll li huwa filatelista li ma setax ibiegh bolli hlief ghall-filatelija. Ghalhekk is-socjetà intimata ma setghetx tibdel il-bolli li applikat ghalihom Said International billi dawn kienu ghall-filatelija biss. Il-bolli ghall-filatelija jinbieghu bi prezz orhos minn dawk ghall-pustagg u jekk il-filatelist jbieghom huma ikunu qed jitilfu l-flus.*

"***Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti***

"*Il-Kapitolu 254, l-Att dwar is-Servizzi Postali, jiddefinixxi `bolla` bhala li tfisser kull bolla biex turi l-pustagg jew drittijiet jew somom oħra li jithallsu dwar oggetti postali, u tinkludi bolli adezivi u bolli stampati, rizaltati, impressi jew indikati xort'oħra fuq xi envelope, card, kopertina, kartolina jew oggett iehor, sew jekk dik il-bolla tkun mahruġa skont dan l-Att jew mill-Gvern ta' pajjiz iehor jew minn Amministrazzjoni Postali rikonoxxuta mill-Ministru.*

"*Ghalkemm l-Att imsemmi ma jaghtix definizzjoni ta` x'jikkostitwixxi filatelija bhalma jaghmel fil-kaz tal-kelma `bolla`, izda hu maghruf li filatelija hi (i) the collecting of stamps and other postal matter as a hobby or an investment, (ii) the study of postage stamps, revenue stamps, stamped envelopes, postmarks, postal cards, covers, and similar material relating to postal or fiscal history. (Dictionary.com)*

"*Ma jirrizultax mill-Att li meta wiehed jixtri bolli hemm xi kundizzjoni marbuta mal-akkwist taghhom u ghal liema skop il-bolli jkunu se jinxtraw. Lanqas ma hemm restrizzjoni dwar il-kwantità li tinxtara.*

"*L-Att dwar is-Servizzi Postali ma jaghmel ebda distinzjoni bejn bolla stampata jew mibjugha bil-kundizzjoni li tigi uzata ghal fini ta` filatelija u bolla ghal pustagg. Lanqas ma hemm ebda restrizzjoni jekk minn jixtri l-bolli juzahomx ghal skop ta` pustagg jew ghall-filatelija.*

"*L-iskop principali ta` bolla huwa ghall-pustagg. Izda bolla tista` tintuza wkoll ghal skop ta` filatelija, u bolla tista' tuzaha kif trid ladarba tkun hallast il-pre-paid value taghha.*

"*F'dan il-kaz mhux kontestat li l-bolli li riedet tibdel is-socjetà rikorrenti kienu godda u in mint condition u ghalhekk la ma kinux uzati setghu jintuzaw anke ghall-pustagg. Jekk bolli ikunu nxtraw ghall-kollezzjoni, ma hemm xejn xi jzomm persuna milli tibdel fehemtha u minflok tuzahom ghall-pustagg sakemm ma jigux immarkati jew stampati fuq envelopes ghall-kollezzjoni.*

"*Wahda mill-oggezzjonijiet tas-socjetà intimata kienet fir-rigward tal-kwantità ta' bolli tal-51 cents li nxtraw (ara xhieda ta' Joseph Camilleri) ghax is-socjetà intimata sostniet li kienet lesta li tibdel l-kumplament tal-bolli li ma kienux ta' 51c. Jirrizulta mill-provi prodotti li dawn it-tip ta' bolli kienu gew effettivament uzati mis-socjetà rikorrenti ghall-skopijiet ta' pustagg u ma gewx rifjutati mis-socjetà intimata li onorat il-pre-paid postage value taghhom billi esegwit is-servizz ta' pustagg. (ara numru ta' envelopes Dok. RS3 sa RS6). Kienu twahhlu fuqhom bolli ta' 51c li gew accettati mill-intimata bhala tajbin ghall-pustagg izda issa hija qed tirrifjuta li tibdilhom kif mitluba. Jidher ukoll li s-socjetà intimata kienet disposta li tibdel dawn il-bolli partikolari kieku l-ammont ma kienx daqshekk kbir, izda l-punt mhux dana imma jekk skont l-avviz kellhomx jinbidlu jew le, irrispettivament mill-kwantità.*

"*Fil-kaz in ezami s-socjetà rikorrenti tghid li l-iskop li ghalih kienu xtraw dawn il-bolli kien ghall-pustagg u mhux bhala kollezzjoni u ssostni li l-ammont ta' bolli li xtrat huwa indikattiv li dawn kienu se jintuzaw ghall-finijiet ta' pustagg u mhux filatelija.*

"*Il-kontestazzjoni principali tas-socjetà intimata pero hija li s-socjetà rikorrenti kellha tipprova li l-bolli li riedet tibdel u li hija xtrat minn barra minn Malta ma kinux gew stampati u sussegwentement mibjugha specifikatament biex jkunu uzati biss ghall-finijiet ta' filatelija. Is-socjetà*

*intimata kienet talbet evidenza minghand is-socjetà rikorrenti dwar mnejn kienet xtrat il-bolli in kwistjoni u meta saret taf li dawn inxtraw minn barra minghand Georg Roll rrifjutat li tibdilhom.*

"*Il-Qorti tirrileva li dan ir-rekwizit ma kienx wiehed mill-kondizzjonijiet li jimponi l-Avviz 1000 u lanqas kondizzjoni li l-intimata kienet stipulat fin-naha ta' wara tal-applikazzjoni (Dok. RS2) u dana billi bolla dejjem tirraprezenta l-valur tal-ammont muri fuq l-istess bolla.*

"*Illi jirrizulta li l-bolli li xtrat is-socjetà rikorrenti ma kien fihom ebda indikazzjoni li dawk il-bolli gew stampati jew inbieghu bil-kundizzjoni li jigu uzati biss ghal fini ta' filatelija. Ghalhekk ma kien hemm xejn x'izomm lis-socjetà rikorrenti milli tuza jew tbiegh f`Malta dawk il-bolli li hija xtrat minghand Roll ghall-pustagg.*

"*Is-socjetà intimata ssostni li jekk il-bolli ma jinxtrawx minghand il-Maltapost jew minghand agent awtorizzat tal-MaltaPost, dawn ma jigux accettati minnha.*

"*Jirrizulta li Maltapost, barra bejgh ta` bolli ghall-pustagg tbiegh bolli lill-filatelesti anke barra minn Malta. Dawn is-sheets bolli li hija tbiegh, generalment ikunu in mint condition, u ma jkollhom xejn fuqhom li jindika li mhumiex bolli ghal uzu tal-pustagg*

"*Ma hemm xejn fil-ligi li tipprojibixxi persuni milli jixtru bolli minn barra minn Malta, anke minghand filatelisti. Il-bolli li jinxtraw hekk, jistghu jintuzaw kemm ghal kollezzjoni kif ukoll ghal pustagg billi minn jixtrihom ma jsibx xejn fuqhom li jiddistingwihom minn dawk il-bolli li normalment jintuzaw ghal pustagg hawn Malta. Ma hemm ebda presunzjoni li bolla li ma tkunx akkwistata mill-Maltapost allura hija bil-fors ghal uzu ta` filatelija*

"*Mill-provi jirrizluta li ma kien hemm xejn x`jiddistingwi l-bolla, li per ezempju, giet uzata fuq l-envelope a fol. 30 tal-process li Said International xtraw minn barra minn Malta. minn bolla ohra li, skont l-intimati, kienet inbieghet biss ghal skop ta' filatelija. Gew prodotti provi li r-rikorrenti ma kinux l-unici persuni li xtraw dawn it-tip ta' bolli imma hemm diversi persuni li xtraw bolli ta` Malta minn barra, liema bolli huma imbaghad uzawhom ghal skop ta' pustagg.*

"*Is-socjetà intimata ssemmi li hija kellha ftehim ma' diversi agenti taghha, fosthom George Roll u Bundesdrukerei, li ma setghux ibieghu bolli ghal skop ta' pustagg imma biss ghal skop ta' filatelija. Ghalhekk skont is-socjetà intimata dana l-ftehim kien jipprekludi lil Roll milli jbiegh lis-socjetà rikorrent bolli ghal-skopijiet ta' pustagg.*

"*Fil-fehma tal-Qorti jekk tali ftehim kien jezisti, dan ma kienx jorbot lis-socjetà rikorrenti billi dak miftiehem bejn is-socjetà intimata u l-agent taghha kien res inter alios acta fil-konfront tas-socjetà rikorrenti billi din ma kinitx partecipi f'dak il-ftehim. Is-socjetà rikorrenti lanqas ma tidhol*

*fil-kwistjoni ta`commissions li setghu kienu dovuti mill-agenti lis-socjetà intimata f`kaz ta` ksur ta` dak il-ftehim.*

"*Illi jirrizulta li l-bolli li xtrat is-socjetà rikorrenti kienu in mint condition u fuqhom ma kien fihom ebda indikazzjoni ta` xi kondizzjoni jew restrizzjoni dwar l-uzu taghhom. Ghalhekk ma kien hemm xejn x'izomm lis-socjetà rikorrenti milli tuza dawn il-bolli ghal skop ta' pustagg, u fil-fatt hekk ghamlet u, kif diga rajna, meta intuzaw ghall-pustagg, is-socjetà intimata onorat is-servizz li sar b`dawk il-bolli. Ma kien hemm xejn fuq il-bolli li jindika li dawk il-bolli kienu ghal filatelija biss. Kif gjà gie rilevat, bolli akkwistati ghal skopijiet ta' filatelija jistghu dejjem u fi kwalunkwe kaz jintuzaw ghal servizz postali Malta sakemm ma jkunx gew stampati jew mod iehor uzati.*

"*Is-socjetà intimata fil-kors tal-proceduri u fin-nota responsiva taghha, terga` ssemmi li hemm distinzjoni bejn l-akkwist ta`bolli ghal skop ta` pustagg u bolli akkwistati ghal skop ta` filatelija wkoll billi fuq il-bolli ghall-filatelija jithallas il-VAT. Dwar dan il-Qorti tirrileva li f'dan il-kaz il-ligi tal-VAT ma kinitx ghadha tapplika fiz-zmien meta nxtraw il-bolli in kwistjoni. Il-ligi kif kienet dak iz-zmien ma kinitx taghmel din id-distinzzjoni u bolli bhal dawk mertu tal-kawza ma kinux suggetti ghal VAT.*

"*Illi la l-Kap. 254 u lanqas il-Legal notice ma jiddistingwu minn fejn ikunu inxtraw il-bolli cioe jekk hux minn Malta jew minn barra minn Malta u lanqas ma jiddistingwu bejn bolla mixtrija barra minn Malta biss ghal skop ta` pustagg u bolla mixtrija ghal skop ta` filatelija. Li bolli mixtrija minn barra minn Malta ma setghux jintuzaw ghall-pustagg f`Malta ma tohrogx la mill-Avviz u lanqas minn xi ligi ohra. L-avviz 1000 ma jghidx li l-bolli ma jinbidlux jekk ikunu nxtraw minghand agent barra minn Malta imma jekk il-bolli ikunu wzati ghal fini ta` filatelija... Peress illi ma jirrizlutax li l-bolli li kienet xtrat is-socjetà rikorrenti kienu stampati jew gew mibjugha bil-kundizzjoni li jkunu uzati ghal fini tal-filatelija, japplika ghalhekk l-artikolu 36(2) tal-Kap. 254. u s-socjetà intimata kellha tibdilhom kif talbet is-socjetà rikorrenti*".

3. Bir-Rikors tal-Appell imressaq minnha fit-22 ta' Ottubru, 2014, l-appellanti qalet li ħassitha aggravata mis-sentenza appellata u, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti tħassarha u tirrevokaha billi tiċħad it-talbiet attriċi kollha, u minflok, tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħha. Bl-ispejjeż kontra Said;

4. Bir-Risposta tagħha tas-6 ta' Marzu, 2015, Said laqgħet għall-appell billi qalet li s-sentenza appellata jistħoqqilha tkun konfermata għal kollox billi din il-Qorti tiċħad l-appell imressaq minnha;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-8 ta' Ottubru, 2019, f'liema smigħ ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

*Ikkunsidrat:*

7. Illi l-**aggravji tal-appellanti** mis-sentenza appellata jikkonsistu filli (i) fin-nuqqas tal-ewwel Qorti li tilqa' t-talbiet ta' Said bla ma din seħħilha turi li qagħdet għal kollox mal-kundizzjonijiet mitluba fin-Notifikazzjoni (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Avviż"), qabel ma setgħet issib li l-appellanti naqset milli tonora l-imsemmi Avviż; (ii) li l-ewwel Qorti naqset li tidħol fil-kwestjoni ta' jekk Said ħarsitx il-kundizzjoni li kellha tikkonsenja fiż-żmien preskritt fl-Avviż il-bolol li riedet jitpartu ma' oħrajn f'denominazzjoni ta' Euro; u (iii) li l-ewwel Qorti ħaddmet il-liġi ħażin meta mxiet mal-verżjoni ingliża tal-Avviż li ma taqbilx mal-verżjoni tal-istess fl-ilsien Malti;

8. Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ l-imsemmija aggravji, jixraq li ssemmi li l-każ li għandha quddiemu llum mhuwiex l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu li tressaq quddiem dawn il-Qrati dwar l-

Avviż u fejn inqalgħu kwestjonijiet dwar it-tħaddim tiegħu meta persuni oħrajn ressqu talbiet bħal dawk li ressqet Said mal-appellanti. Din il-Qorti wkoll (diversament komposta) tat sentenza m'ilux dwar kwestjoni bħal din[1]. Kemm hu hekk, fl-ewwel dehra fis-smigħ ta' dan l-appell, kien l-għaref difensur tal-appellanti li talab żmien biex jirregola ruħu dwar dan l-appell fid-dawl ta' dik is-sentenza[2]. Minbarra dan, il-Qorti tqis ukoll li s-sentenza appellata ma laqgħetx it-talbiet kollha ta' Said u li l-kwestjoni dwar il-bolol li Said talbet li jitpartu ma' oħrajn f'denominazzjoni Euro kienet tirrigwarda biċċa (għalkemm sostanzjali) biss mill-għadd ta' bolol li dwarhom Said ressqet it-talba mal-appellanti skond l-Avviż, għaliex l-appellanti kienet qablet mat-talba ta' Said dwar parti mill-għadd ta' bolol li ntalbet tpartat[3];

9. Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel aggravju** l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti naqset li tara li Said wettqet il-kundizzjonijiet kollha mitluba fl-Avviż u, minflok, sabet li l-appellanti kienet naqset fl-obbligi tagħha. Hija tgħid li kien jaqa' fuq Said li turi b'mod tajjeb li hija qagħdet għall-erba' kundizzjonijiet li ntalbu fl-Avviż. Minflok, l-ewwel Qorti sabet li l-appellanti kienet naqset minkejja li ħareġ ċar li Said lanqas biss kienet ħarset il-kundizzjonijiet kollha imposti fl-Avviż;

---

[1] App. Ċiv. **31.5.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifford Aġius noe vs Maltapost p.l.c.***
[2] Verbal tal-11.6.2019, f'paġ. 359 tal-proċess
[3] Ara Dok "MP1", f'paġ. 18 tal-proċess

10. Illi Said twarrab dan l-aggravju billi tgħid li l-ewwel Qorti għamlet stħarriġ tajjeb u rilevanti tal-provi mressqin quddiemha u li dan l-aggravju jimmira li jistieden lil din il-Qorti terġa' tagħmel apprezzament tal-istess provi mill-ġdid;

11. Illi l-Qorti tqis li l-eżerċizzju li l-ewwel Qorti ntalbet tagħmel fl-ewwel talba attriċi kien li tara jekk l-appellanti kinitx tassew naqset li tonora r-rabtiet tagħha taħt l-Avviż. Huwa minn ewl id-dinja li dik il-Qorti kellha tara wkoll jekk Said kinitx qagħdet ma' dak li ntalab mill-applikanti li bħalha riedu jinqdew mas-sejħa magħmula f'dak l-Avviż. L-appellanti tgħid li Said naqset milli tikkonsenja fiż-żmien preskritt il-bolol li riedet li jitpartu u wkoll li hija ressqet talba biex jitparrtulha bolol li l-Avviż jgġid li ma kinux milquta bl-Avviż għaliex kienu bolol maħsuba għal għanijiet ta' filatelija u mhux ta' pustaġġ;

12. Illi minn qari xieraq tal-atti proċesswali, lil din il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-ewwel Qorti qalbet il-piż tal-provi u li naqset li tara jekk kemm-il darba Said kinitx qagħdet mal-kundizzjonijiet mitluba fl-Avviż biex it-talba tagħha setgħet tintlaqa'. L-appellanti nnifisha tistqarr li ma kienx hemjm dubju li l-bolol li dwarhom Said imliet il-formola tal-applikazzjoni kienu bolol ta' Malta f'denominazzjoni ta' Lira Maltija u wkoll li dawk il-bolol kienu nħarġu wara Jannar tal-1998. L-ewwel Qorti dehrilha li, mill-apprezzament tal-provi li kellha quddiemha, Said kienet

żammet ma' dak li ntalab fl-Avviż. Fl-istess waqt sabet li kienet l-appellanti li qajmet oġġezzjoni li tilqa' parti mit-talba ta' Said għaliex dehrilha li wħud mill-bolol li dwarhom saret l-applikazzjoni kienu bolol "stampati jew mibjugħin bil-kundizzjoni li jkunu użati għal fini ta' filatelija". B'daqshekk, ma jista' jingħad bl-ebda mod li l-ewwel Qorti qalbet il-piż tal-prova. Kienet l-istess appellanti li qajmet din il-kwestjoni fit-tielet eċċezzjoni tagħha u, ladarba l-ebda bolla ta' Malta ma jkollha fuqha xi indikazzjoni li tista' tintuża biss għal għanijiet filateliċi (bħalma fl-imgħoddi kienu jinħarġu bolol li jindikaw li setgħu jintużaw kemm għal għanijiet ta' pustaġġ u kif ukoll għall-ħlas ta' imposti[4] jew biss għal meta tintbagħat ittra bl-ajru[5]), kien jaqa' fuq l-appellanti li turi lill-ewwel Qorti li kien hemm ċirkostanza probatorja f'dan is-sens. Dan kollu b'ħarsien tal-massima li *reus in excipiendo fit actor*[6]. Wara kollox, huwa aċċettat li matul is-smigħ tal-istess kawża, jista' jagħti l-każ li "l-piż (tal-prova) jista' joxxilla minn parti għal oħra"[7];

13. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tal-appellanti mhuwiex tajjeb u mhux se jintlaqa';

14. Illi bit-**tieni aggravju** l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti naqset li tqis li kienet Said li ma żammitx mal-kundizzjonijiet tal-Avviż meta naqset li

[4] Il-frażi wżata kienet "*postage and revenue*"
[5] Il-frażi wżata kienet "*air mail*"
[6] App. Ċiv. **12.1.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia vs Guillaumier*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.5**)
[7] Ara App. Inf. **27.6.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Ħili*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.577** u App. Inf. PS **12.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Tonna vs Philip Azzopardi*** fost bosta oħrajn

tikkonsenja fiż-żmien il-bolol li riedet tpartat. L-Avviż kien jagħmilha ċara li l-bolol riedu jkunu konsenjati lill-appellanti bejn l-ewwel ta' Frar u l-aħħar ta' Marzu tal-2008, u dan ma sarx. Għalhekk, hija tisħaq li kienet Said li naqset mill-obbligi taħt l-Avviż u mhux l-appellanti. Iżżid tgħid li kien jaqa' fuq Said li tiddepożita l-bolol taħt l-awtorità tal-Qorti juekk dehrilha li l-appellanti ma kellhiex raġun taċċettahom. Tilmenta li l-ewwel Qorti naqset li tqis dan il-fatt hekk ċar, u xorta sabet li kienet l-appellanti li naqset mill-obbligi tagħha;

15. Illi hawnhekk ukoll Said tirribatti l-aggravju u tgħid li huwa għal kollox mhux mistħoqq billi tgħid li din hija l-ewwel darba li l-appellanti qanqlet il-kwestjoni tul is-smigħ tal-kawża u ma kienet semmietha bl-ebda mod quddiem l-ewwel Qorti sa qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. F'kull każ, hija tgħid li t-talba tagħha biex l-appellanti tpartilha l-bolol milquta bl-Avviż ressqitha fiż-żmien imsemmi fl-Avviż u dan kien biżżejjed biex jista' jingħad li tkun wettqet il-parti tagħha tas-sejħa;

16. Illi din il-Qorti tqis li dan l-aggravju ma jmissux jintlaqa'. Fl-ewwel lok, intwera mill-provi li Said riedet u setgħet f'kull ħin tikkonsenja l-bolol li dwarhom ressqet l-applikazzjoni mal-appellanti: kienet l-appellanti li żammet milli dan isir billi, qabel ma kienet disposta li taċċetta l-bolol, talbet mingħand Said il-prova ta' kif il-bolol kienu ġew għandha. Fit-tieni lok, l-appellanti ma setgħetx ma kinitx taf b'dokument maħruġ minnha

stess wara l-ħruġa tal-Avviż. Fl-imsemmi dokument (li huwa msejjaħ "*Conditions: requisition for exchange of postage stamps*")[8], fost il-kundizzjonijiet meqjusa importanti għal min kien fi ħsiebu jressaq applikazzjoni għat-tpartit tal-bolol, jingħad hekk: "*No stamps, to be exchanged are to be enclosed with the application form. The applicant will bring the stamps when the appointment is given*". Said qatt ma ngħatat appuntament mill-appellanti biex tieħu l-bolol ħalli jitpartu, għaliex l-appellanti baqgħet (u għadha sallum) tisħaq li l-biċċa l-kbira minn dawk il-bolol ma jaqgħux taħt l-iskema maħluq bl-Avviż. Fit-tielet lok, għalkemm huwa minnu li l-appellanti aċċennat għal din iċ-ċirkostanza tan-nuqqas ta' konsenja fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[9], ma kinitx qajmitha formalment fost l-eċċezzjonijiet tagħha. Għalhekk, din il-kwestjoni l-aktar li setgħet tidħol kien fl-eżerċizzju tal-evalwazzjoni tal-provi li riedet tagħmel l-ewwel Qorti u dwar dan din il-Qorti diġà tat il-fehma tagħha aktar qabel. Fir-raba' lok, in-nuqqas ta' Said li tiddepożita l-bolol taħt l-awtorità tal-Qorti ma jxellfilha bl-ebda mod il-jedd li tagħtiha l-liġi;

17. Illi għalhekk lanqas dan l-aggravju ma huwa tajjeb u mhux se jintlaqa';

[8] Dok "RS1", f'paġ. 26 tal-proċess

[9] § 8 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 286 tal-proċess

18. Illi bit-**tielet aggravju** l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti ħaddmet ħażin il-liġi b'mod lampanti minbarra li wettqet apprezzament ħażin tal-provi hija u tagħmel hekk. B'mod partikolari, l-appellanti tgħid li huwa ċar li l-ewwel Qorti qagħdet fuq il-verżjoni fl-ilsien Ingliż tal-Avviż (tant li iċċitat minnu fis-sentenza appellata), meta messha qagħdet fuq dak fl-ilsien Malti, u dan għaliex hemm nuqqas ta' qbil bejn it-test Malti u dak Ingliż, u f'każ bħal dan imissha tirbaħ il-verżjoni Maltija. Iżżid tgħid ma kienx daqstant rilevanti l-fatt jekk il-bolol li dwarhom inqalgħet il-kwestjoni bejn il-partijiet kinux jew le jistgħu jintużaw għall-pustaġġ, daqskemm il-fatt li l-imsemmija bolol kienu maħsuba li jintużaw ukoll għall-filatelija u għalhekk tgħid li kienu jaqgħu lil hinn mill-għanijiet tal-Avviż. Imbagħad, l-appellanti tgħaddi biex targumenta li l-bolol li dwarhom inħalqet il-kwestjoni kienu ta' ħarġa partikolari li kienet 'kommemorattiva' u mhux 'definittiva'. Hija targumenta li bolla maħruġa għal għan 'kommemorattiv' hija tabilfors waħda maħruġa għal għan filateliku u waħda maħruġa bħala parti minn ħarġa 'definittiva' hija tabilfors waħda maħruġa għal għan ta' pustaġġ;

19. Illi Said tirribatti bil-qawwa dan l-aggravju filwaqt li tibda biex tgħid li ma hemm l-ebda dissonanza bejn il-verżjoni Maltija u dik Ingliża fl-Avviż. Hija tgħid li t-tifsira li l-appellanti issa trid tagħti lill-Avviż ma toħroġx mil-liġi u lanqas minn qari xieraq tal-Avviż innifsu u jidher li qiegħda tagħmel hekk wara li Said seħħilha turi li l-bolol kollha li talbet li jitpartu kienu bolol li għalihom japplika l-Avviż. Hija tgħid li kien jaqa' fuq l-appellanti li ġġib

prova ta' liema bolol kienu maħruġa u maħsuba għal għan filateliku u liema kienu dawk maħsuba għal pustaġġ. Tiċħad l-argument tal-appellanti li l-Avviż kien jgħodd biss għal bolol mixtrija mingħand l-appellanti nnifisha jew mingħand aġenti tagħha f'Malta u li ma kienx jgħodd għal bolol mixtrija minn aġenti barra minn Malta. Fuq kollox, Said tgħid li ressqet provi quddiem l-ewwel Qorti li bolol li l-appellanti tgħid li nħarġu għal għanijiet filateliċi biss fil-fatt intużaw minnha għal għanijiet postali u l-appellanti saħansitra wasslet l-ittri li fuqhom twaħħlu dawk il-bolol lid-destinatarji tagħhom bla ma raddithom lura lil min bagħathom. Ittemm tgħid li ma jistax jingħata tifsir tajjeb tal-Avviż jekk ma jingħatax dan it-tifsir fid-dawl tal-artikolu tal-liġi li nħareġ taħtu – l-artikolu 36(2) tal-Kapitolu 254 tal-Liġijiet ta' Malta;

20. Illi l-Qorti tibda biex tqis li l-Avviż innifsu jiddikjara li nħareġ bis-saħħa li l-liġi – fl-artikolu 36(2) tal-Att dwar is-Servizzi Postali – tagħti lill-Ministru biex jiddikjara li bolol "li jkunu qed jiġu wżati meta jinħareġ dak l-avviż, m'għandhomx jibqgħu validi għall-ħlas bil quddiem ta' pustaġġ .. ..". Dik id-dispożizzjoni tal-liġi tgħid ukoll li huwa mogħti lil kull min ikollu fil-pussess tiegħu xi bolli hekk invalidati li, fi żmien xahrejn wara d-data ta' avviż maħruġ mill-Ministru, jikkunsinnahom lill-operatur postali li <u>għandu</u> jibdilhomlu ma' bolli oħra validi tal-istess valur. Għalhekk, kull tifsira li trid tingħata lill-Avviż trid tkun taqbel u taqa' fil-parametri tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi. Ladarba l-imsemmi artikolu ma jsemmi

xejn dwar l-użu maħsub tal-bolol li għalihom jirreferi, ma jkunx rilevanti jekk dawk il-bolol kinux inbiegħu bil-kundizzjoni li jintużaw biss għal għanijiet filateliċi jew xort'oħra;

21. Illi hija bis-saħħa tal-liġi u mhux bis-saħħa tal-Avviż li tnissel il-jedd ta' Said li l-bolol taż-żmien milqutin fl-Avviż jitpartulha ma' bolol oħrajn f'denominazzjoni Euro. Il-kliem tassattiv tad-dispożizzjoni partikolari tal-Kap 254 ma jħallix li l-Avviż idejjaq it-tħaddim ta' dak il-jedd jekk kemm-il darba min ikollu f'idejh bolol milquta minn avviż tal-Ministru jagħżel li jeżerċita dak il-jedd. Il-jedd huwa fis-sura ta' rimedju partikolari – it-tpartit tal-bolol ma' bolol oħrajn validi tal-istess valur, u mhux it-tisrif fi flus tal-bolol invalidati. Huwa sewwasew dan l-eżerċizzju li l-ewwel Qorti wettqet meta qieset l-aspett legali tal-azzjoni attriċi;

22. Illi l-Qorti ssib li l-argument imressaq mill-appellanti b'mod estensiv fir-Rikors tal-Appell tagħha dwar it-tifsira bejn bolol 'kommemorattivi' u dawk 'definittivi' lanqas ma jista' jintlaqa' biex isejjes l-aggravju. Kif ingħad, il-liġi mkien ma tagħraf din id-distinzjoni fit-tifsira tal-kelma "bolla"[10]. Iżda wkoll jekk dak li tgħid fis-sottomissjonijiet tagħha dwar dan l-aspett kellu jkun minnu, din il-Qorti ssib li kienet l-appellanti nnifisha li waqqgħetu b'għemilha. Kif ingħad, l-Avviż kien jirrigwarda bolol ta' Malta maħruġin wara l-1997 u sa żmien qabel l-2007 u liema bolol kienu

[10] Art. 2(1) tal-Kap 254

jindikaw valur f'Lira Maltija biss. Kemm hu hekk, l-Avviż ma jolqotx dawk il-bolol li nħarġu f'Malta qabel l-adozzjoni tal-Euro, imma li kien ikollhom żewġ denominazzjonijiet fuq il-wiċċ tal-bolla. Issa, mill-eżami tal-provi mressqa fl-atti, il-Qorti sabet li matul iż-żmien rilevanti milqut bl-Avviż, kienu ħarġu erba' (4) ħarġiet postali 'definittivi', filwaqt li l-bqija tal-ħarġiet kienu 'kommemorattivi', kif imfissra mill-istess appellanti. Madankollu, jekk wieħed kellu jara l-formola tal-applikazzjoni maħruġa mill-appellanti nnifisha[11] bħala riżultat tal-Avviż u li fuqha l-applikanti kellhom jagħtu t-tagħrif tagħhom, minnufih jista' jara li hemm kaxex indikati b'valur li qatt ma kien jidher fuq xi waħda mill-bolol 'definittivi' li nħarġu matul dak iż-żmien. Għall-kuntrarju, il-biċċa l-kbira tal-valuri kienu ta' bolol li ħarġu bħala 'kommemorattivi' biss[12]. L-appellanti ma tat l-ebda raġuni għaliex, jekk dawn ma kinux valuri ta' bolol 'definittivi', dehrilha li kellha tniżżilhom fil-formola tal-applikazzjoni wkoll;

23. Illi dan kollu jwassal lill-Qorti biex tqis li r-raġuni li għaliha l-appellanti naqset li tilqa' t-talba ta' Said ma setgħetx kienet konformi mal-Avviż u wisq anqas ma' dak li tipprovdi l-liġi. Issib ukoll li r-raġunament li wassal l-ewwel Qorti biex tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellanti kien eżatt u li s-sentenza appellata ma kienet il-frott tal-ebda tħaddim ħażin la tal-liġi u lanqas tal-apprezzament tal-provi li kellha quddiemha;

---

[11] Ara Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess

[12] Biex jissemmew xi eżempji evidenti li joħroġu mid-dokumenti mressqa: bolla ta' 82ċ (ħarġet bolla waħda fit-12.4.2006, Kat nru. 1430); bolla ta' Lm 1.02 (ħarġet bolla waħda biss fid-19.1.2005, Kat nru 1355) u bolla ta' Lm 3 (ħarġet waħda biss fis-26.5.2003, Kat nru. 1264), ilkoll kemm huma kommemorattivi u l-ebda waħda minnhom ma kellha skop 'definittiv'

24. Illi għalhekk dan l-aggravju wkoll mhuwiex tajjeb u la fil-fatt u wisq anqas fid-dritt u ma jistħoqqlux jintlaqa';

**Decide**

25. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-kumpannija intimata u għalhekk tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti. B'dan illi ż-żmien mogħti lill-appellanti fis-sentenza appellata biex twettaq dak lilha ordnat għandu jibda miexi millum.

Joseph Azzopardi
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
mb